**IT-TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

Deċiżjoni Preliminari Numru 2442
Każ Numru 3406/KBC
Fil-kwistjoni tax-xogħol bejn:

Gracianne Abela
u
Farma Plastics Ltd

dwar tkeċċija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Chairperson: Dr Katrina Borg-Cardona

Illum il-Ġimgħa, 14 t'Ottubru, 2016

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors tas-6 t'Ottubru, 2015, li permezz tiegħu r-rikorrenti allegat li l-kumpanija ntimata aġixxiet bi ksur ta' dak stipulat fil-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta meta tterminat l-impjieg tar-rikorrenti.

Ra r-risposta tal-kumpanija ntimata li permezz tagħha eċċepiet (1) illi r-rikors promotur ġie ppreżentat *fuori termine* f'każ illi l-premessa tar-rikors hija tkeċċija nġusta u (2) illi r-rikors promotur huwa null jekk il-bażi tat-talba hija *redundancy* peress illi r-rimedju mitlub ma jinkwadrax f'dak illi tipprovdi bħala rimedju l-liġi f'każ ta' *redundancy*; u (3) n-nullità tal-proċedura kollha f'kaz illi r-rikors promotur huwa msejjes fuq żewġ binarji, u cioè tkeċċija nġusta u *redundancy*.

Ra d-dikjarazzjoni tal-każ tar-rikorrenti;

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrenti;

Ra d-dokumenti esebiti;

Sema’ t-trattazzjoni tal-partijiet;

Ra li fis-seduta tat-2 ta’ Settembru, 2016, l-partijiet qablu li l-każ jitħalla għad-deċiżjoni preliminari dwar l- eċċezzjonijiet preliminari tal-kumpanija ntimata;

**Ikkunsidra:-**

Illi t-talba tar-rikorrenti hija ċara u tikkonsisti f’talba sabiex

*“…it-Tribunal jiddikjara illi l-kumpannija ntimata aġixxiet bi ksur ta’ dak stipulat fil-Kap 452 tal-Liġijiet ta’ Malta meta tterminat l-impjieg tar-rikorrenti u jillikwida kumpens ġust u xieraq…”*

Illi għalhekk il-kaz huwa mpostat fuq it-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrenti, u ċioè a bażi tal-Artikolu 75(2) tal-Kap 452, u mhux fuq nuqqas t’osservanza tad-dispożizzjonijiet ta’ *redundancy*.

Illi l-Artiklu 75(3) jaqra kif ġej:

*“Kull referta magħmula skont is-subartikolu ta’ qabel dan, għandha ssir permezz ta’ dikjarazzjoni li ssemmi l-fatti tal-kawża, ppreżentata fir-reġistru tat-Tribunal u għandha, fil-każijiet kollha, hekk tiġi ppreżentata mhux aktar tard minn erba’ xhur mid-data effettiva tal-ksur allegat.”*

Illi mhux kontestat illi l-impjieg tar-rikorrenti ġie tterminat fl-14 ta’ Novembru, 2014, filwaqt illi mill-atti jidher illi r-rikors promotur ġie ppreżentat fil-5 t’Ottubru, 2015, u ċioè oltre t-terminu stabbilit mil-liġi.

**Għal dawn ir-raġunijiet, dan it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa’ l-ewwel l-eċċezzjoni preliminari tas-soċjetà ntimata, jiddikjara illi r-rikors promotur ġie ppreżentat *fuori termine*, u peress illi ġiet milqugħa l-ewwel eċċezzjoni**

**preliminari, tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-eċċezzjonijiet preliminari l-oħra u tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti.**

Għall-fini ta' taxxa u drittijiet it-Tribunal jiffissa s-somma ta' tlieta u disgħin euro u sbatax -il ċentezmu (€93.17).

Ai termini tal-Artikolu 78(1) tal-Kap 452 t-Tribunal jiddikjara li minħabba n-numru tas-seduti u differimenti ma kienx possibbli li l-każ jinstama' u jinqata' fi żmien xahar kif preskritt fl-istess Kap.

(Iffirmat)

Dr Katrina Borg-Cardona

Chairperson

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**

**Ghas-Segretatju**